MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2008

Numru 919/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Silvio Valletta)**

**vs**

**Jimmy Falzon**
**Jonathan Spiteri**
**William Mifsud**

**Illum 15 ta' Jannar, 2008**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Jimmy Falzon ta’ 24 sena iben Carmelo u Eva xebba Pace mwieled Pieta 25-May-78 u residenti “190” Triq San Mikiel, Bormla detentur tal-karta ta’ l-identita 318678M, Jonathan Spiteri ta’ 21 sena iben Charles u Patricia xebba Daikin mwieled Pieta nhar 21 ta’ Frar 1981, residenti Block C, Flat 3, Fuq il-Hawli, Birgu, u detentur tal-karta ta’ l-identita 111181(M) u William Mifsud ta’ 16 il-sena iben Laurence u Mary xebba Dawes mwieled Pieta nhar 8 ta’ Ottubru 1986, u residenti Flat 2, 27 Pjazza Vittorja Isla, detentur tal-karta ta’ l-identita 465186M, billi gew akkuzati talli:

a) Fil-lejl tal-21 ta’ Settembru 2001 u 22 ta’ Settembru 2001, u xhur ta’ wara din id-data, b’diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda, F’Rahal Gdid, ikkommetew serq ta’ diversi oggetti mill-fond Vincent Cuschieri & Sons Ltd sitwat fi Triq Ninu Cremona, liema serq hu kwalifikat bil-mezz, hin, persuna u valur li ma jaccedix l-elf liri Maltin, u li sar ghad-detriment ta’ John Cuschieri

b) Kif ukoll talli f’dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu fuq imsemmi, xjentement laqaw ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok SV7 u nnutat li l-imputati m’ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Tiddikjara li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta fis-sena 2007 u qabel kienet quddiem il-Magistrat Dr. Joseph Cassar BA. LL.D. (illum ex Magistrat).

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li fil-konfront tat-tlett imputati l-akkuza b) li

tirrigwarda ricettazzjoni inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-akkuza a) li tirrigwarda serq u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija akkuza b).

Innutat li l-imputati fl-ezami taghhom wiegbu li huma hatja tal-akkuza a) migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati regghu wiegbu li huma hatja tal-akkuza a) migjuba kontra taghhom.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Silvio Valletta u Dr. Gavin Gulia ghall-William Mifsud iddikjaraw li jaqblu li meta sehh ir-reat kif kontemplat fl-akkuza a), l-imputat William Mifsud kien taht it-18 il-sena u ghaldaqstant japplika dak previst fl-artikolu 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputati kollha kkoperaw mal-Pulizija, u dan fi stadju bikri tal-investigazzjonijiet, u inoltre iddikjara li hu personalment ivverifika l-fedini penali tat-tlett imputati u ikkonferma li dawn huma netti.
Semghet trarrazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputati Jimmy Falzon u Jonathan Spiteri l-artikoli 18, 31, 261(b),(c),(d) u (f), 263, 267, 268, 270, 278(3), 279(a), 280 u 281(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat fil-konfront tal-imputat William Mifsud l-artikolu 18, 31, 37, 261(b),(c),(d) u (f), 263, 267, 268, 270, 278(3), 279(a), 280 u 281 (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputati Jimmy Falzon u Jonathan Spiteri, fuq ammisjoni, hatja tal-akkuza a) migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tillibera lill-istess

imputati Jimmy Falzon u Jonathan Spiteri taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Issib lill-imputat William Mifsud, fuq ammissjoni hati tal-akkuza a) migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li fil-konfront tal-imsemmi imputat William Mifsud japplika dak previst fl-artikolu 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tillibera lill-istess imputat William Mifsud taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) millum.

Rigward ghall-akkuza b) migjuba fil-konfront tal-imputati kollha, fid-dawl ta' dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward din l-akkuza kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imsemmija akkuza b)

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputati Jimmy Falzon, Jonathan Spiteri u William Mifsud l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------